MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2918/2002

**Avviz Numru 2918/02 AJD**
**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**John Christopher Martin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225.00) rappresentanti ammont dovut skond dikjarazzjoni tal-24 ta' Gunju 2002 fejn il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva f'pagamenti mensili ta' Lm20.00, bl-ewwel pagament li kellu jithallas fis-6 ta' Lulju 2002. Il-pagamenti ma gewx effetwati u ghalhekk giet intavolata din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-24 ta' Gunju 2002 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Tanya Sammut,, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------